# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz.  numru:  627/96 M1 NA**

**Nathalie O'Toole**

**vs**

**Patrick O'Toole**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-26 ta' Frar 1996 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fil-5 ta' Jannar 1981 (ara Dokument "1");

Illi mill-imsemmi zwieg kellhom tlett itfal Alison, Geraldine u Tracy (ara Dokumenti "2" sa "4");

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenit huwa null u bla effett fil-ligi;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti li gie celebrat fil-5 ta' Jannar 1981 huwa null u minghajr ebda effett kwalunkwe fil-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esibiti.

Il-konvenut, debitament notifikat fil-5 ta' Settembru 1997 ma ghamiltx Nota ta' l-Eccezzjonijiet.  Huwa, pero', deher assistit ghas-seduta quddiem il-Qorti tal-20 ta' Novembru 1997 fejn talab li jiggustifika l-kontumaci tieghu.  Wara li l-Qorti semghetu bil-gurament laqghet it-talba tieghu w akkordatlu zmien ghan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet.  Dan nonostante pero' xorta ma ghamilx dawn l-Eccezzjonijiet u lanqas deher ghad-differiment tal-11 ta' Frar 1998 fejn il-Qorti allura ddikjaratu fi stat ta' kontumaci.  Minkejja dan, f'kawza ta' din in-natura, hija nnominat lill-Avukat Dottoressa Veronica Galea Debono bhala espert fil-materja biex tigbor il-provi u tirrelata.

Ir-rapport gie pprezentat fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2001 u8 mahluf f'dik tas-7 ta' Dicembru 2001, fejn l-attrici, tramite d-difensur taghha, rremettiet ruhha ghar-rapport peritali.  Il-konvenut rega' ma deherx (kif, del resto, ma rega' deher qatt ghas-seduti quddiem il-Qorti) u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Perit Legali wara li kkunsidrat il-provi mressqa mill-attrici li l-maggior parti taghhom gew imressqa permezz ta' affidavits li gew minnha pprezentati b'noti rispettivi tat-13 ta' April u 6 ta' Ottubru 1999 fil-parametri ta' l-Artikoli tal-ligi li setghu jwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici, partikolarment is-sub-incizi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta ezaminat dawn il-provi a bazi ta' kull sub-inciz.

In kwantu ghall-elementi rikjesti taht is-sub-inciz (d), il-materja giet minnha ezaminata tenut kont tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna fir-rigward. Hija korrettement osservat illi l-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza: "*...mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-*

*kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*" Di piu' l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili. Hija kienet tal-fehma illi mill-provi rrizulta illi: "*Il-konvenut donnu assolutament ma fehemx x'inhuma l-obbligi w id-dmirijiet tieghu meta dahal ghar-rabta taz-zwieg. In-nuqqas ta' interess kompliet li l-konvenut wera lejn il-familja tieghu juri bl-izjed mod car illi hu ma kellux l-intenzjoni li jikkreja kommunjoni u nukleju familjari. Mhux talli l-konvenut ma fehemx x'inhuma l-obbligi tieghu versu l-familja tieghu, izda kien ighix bl-izjed mod egoistiku, u cioe' hajja fejn jahseb biss ghalih innifsu u haddiehor. Donnu li l-konvenut ghamel minn kollox biex proprju jkisser il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, u l-benessere fil-familja.*"; filwaqt illi: "*Minn naha taghha, l-attrici kellha biss hmistax-il sena u nofs meta zzewget, u dana stante li harget tqila meta kienet ghadha l-iskola. Probabbilment l-attrici kienet ghadha pjuttost immatura dak iz-zmien meta zzewget. L-esponenti pero' hija tal-fehma illi ma ngabu l-ebda provi li juru li l-attrici naqset milli*

*tifhem x'kienu l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet taghha fil-hajja mizzewga, u anzi ghamlet milli setghet sabiex taht ic-cirkostanzi difficli li fihom kienu jghixu, tipprova trabbi t-tlett itfal taghha mill-ahjar li setghet. Illi ghalhekk, l-esponenti thoss illi xorta wahda ma jistax jinghad li z-zwieg jista' jigi dikjarat null minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici.*", u ghalhekk kienet ta' l-opinjoni illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat kif stipulat fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta liema vizzju kellu jwassal ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg taht dan is-sub-inciz.

Fir-rigward invece tal-provvedimenti tas-sub-inciz (f) li hija korrettement ekwiparat mas-simulazzjoni totali jew parzjali hija waslet ghal konkluzzjoni illi ma kienx hemm lok ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg taht dan is-sub-inciz.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi, fil-maggior parti taghhom, il-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali. Fil-fehma taghha ma ngabux bizzejjed provi biex juru illi fiz-zmien li inghata l-kunsens il-konvenut, filwaqt illi esternament wera li kien qed

jikkonsentixxi ghaz-zwieg, internament eskluda z-zwieg innifsu jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu.

Invece mill-provi jirrizulta illi almenu fiz-zmien li ta l-kunsens l-istess kunsens tal-konvenut kien "*vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.*" [Artikolu 19 (1) (d)]. Il-mod kif ikkomporta ruhhu l-konvenut ma' l-attrici u mat-tfal li twieldu minn dan iz-zwieg ma jistax jindika mod iehor. L-obbligi w id-dmirijiet essenzjali ta' hajja mizzewga jinkludu l-obbligu li tiehu hsieb u tmantni lill-familja partikolarment meta tkun gibt it-tfal fid-dinja. Il-konvenut ma ghamel xejn minn dan, qatt ma hadem u halla lit-tfal u lill-mara tieghu kwazi litteralment bil-guh u sahansitra kien iberbaq ukoll il-ftit flus li l-familja kienet tircievi bhala Children's Allowance u f'beneficcji ohra socjali. Ghall-kompletezza lill-Qorti ma jirrizultalhiex mill-provi illi fil-mument tal-kunsens il-konvenut kien ibati "b'anomalija psikologika serja" li ghamlitha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Skond il-Perit Legali din l-anomalija psikologika giet rizultat tal-vizzju tad-droga li kellu l-konvenut. Kif jirrizulta anke mill-paragrafu 31 tar-rapport taghha, pero', dan il-vizzju gheleb lill-konvenut wara li l-partijiet kienu diga' mizzewga u ghalhekk wahdu

filwaqt li jista' jkun raguni ghas-separazzjoni personali mhuwiex raguni tajba ghall-annullament taz-zwieg. Dan nonostante, pero', l-effett legali huwa identiku peress illi s-sub-inciz (d) jippostula dawn ir-ragunijiet bhala alternattivi li minkejja li jistghu lkoll jaffettwaw il-kunsens mhuwiex necessarju illi jkunu kollha prezenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali, din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti li gie celebrat fil-5 ta' Jannar 1981 bhala null u minghajr ebda effett kwalunkwe fil-ligi.

Fuq il-meritu u fil-kontumaci tal-konvenut l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu minnu.

Deputat Registratur

rf.